IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
## SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL

**SESSJONI MEJJU 2017/MAY 2017 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | I |
| DATA/DATE: | 27 ta' Mejju 2017/27th May 2017 |
| ĦIN/TIME: | mis-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

**Sezzjoni A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.**
***Section A: Answer ALL the following questions. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.This section carries 50 marks.***

1. a) X'inhu l-għan prinċipali tad-dokument *'Nostra Aetate'?* (1)
*a) What is the main aim of the document 'Nostra Aetate'?* *(1)*

_______________________________________________

b) Qabbel l-ewwel parti tas-sentenza mat-tieni parti tagħha:
*b) Match the first part of the sentence with its second part:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| i. | Ir-reliġjon hija<br>*Religion is* | | it-tbatija għandha l-għerq tagħha fix-xewqat li nħossu fina.<br>*pain has its roots in the wishes we feel inside us.* |
| ii. | Ir-reliġjon twieġeb għall-<br>*Religion answers* | | jemmnu li kull ħaġa li teżisti għandha l-ispirtu tagħha.<br>*to believe that all that existed had its own spirit.* |
| iii. | Ir-reliġjonijiet animisti kienu<br>*The animist religions used* | | tweġiba bis-sens għal ħajja bis-sens.<br>*a meaningful answer to a meaningful life.* |
| iv. | Skont il-Buddiżmu<br>*According to Buddhism* | | mistoqsijiet il-kbar tal-bniedem.<br>*the great questions of mankind.* |

(2/2)

2. Agħti raġuni **WAĦDA** għaliex l-Insara jemmnu li l-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla. (1)
*Give **ONE** reason why Christians believe that the Bible is the Word of God.* *(1)*

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi **ŻEWĠ** okkażjonijiet fejn il-Bibbja tintuża barra mill-Quddiesa. (2)
*Mention **TWO** occasions when the Bible is used apart from Mass.* *(2)*

i. _______________________________________________

ii. _______________________________________________

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

4. Semmi **TLIET** persunaġġi jew ġrajjiet ewlenin fl-istorja tas-salvazzjoni. (3)
*Name **THREE** principal personalities or events in the history of salvation. (3)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

iii. ______________________________

5. Fil-Ktieb tal-Ġenesi naqraw: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha." (Ġen 1, 28)
*In Genesis we read: "Be fruitful and multiply, and fill the earth and subdue it." (Gen 1,28)*
a) Alla lil min qal dan il-kliem? (1)
*a) To whom did God say these words? (1)*

______________________________

b) X'kien qed ifisser b'dawn il-kelmiet? (2)
*b) What did he mean by these words? (2)*

______________________________

______________________________

6. Min, fl-ittri tiegħu, iġib l-eżempju ta' 'ġisem wieħed imma b'ħafna membri' meta jitkellem dwar il-Knisja? (1)
*Who, in his letters, gives the example of the Church as 'one body with many members'? (1)*

______________________________

7. Fil-Knisja ta' Kristu hemm diversi ħidmiet u kariżmi. Semmi **TNEJN** minn dawn li nsibu fost il-lajċi Nsara ta' żmienna. (2)
*In Christ's Church there are several duties and charisms. Name **TWO** of them that we find among the lay Christians of our times. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

8. Agħti raġuni **WAĦDA** għaliex xi żgħażagħ jagħżlu li jħaddnu ċ-ċelibat jew il-verġinità biex iwettqu ħidma fil-Knisja. (1)
*Give **ONE** reason why some young people embrace celibacy or virginity to carry out a vocation in the Church. (1)*

______________________________

______________________________

9. a) Liema hu l-evanġelju li **ma jirrakkontax** it-Twaqqif tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena? (1)
*a) Which gospel does **not** give the account of the Institution of the Eucharist during the Last Supper? (1)*

b) Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jgħid li "ż-żewġ partijiet li jagħmlu, b'ċertu mod, il-Quddiesa ... huma hekk magħqudin waħda mal-oħra li flimkien jagħmlu għemil wieħed ta' qima." (*Sagrosanctum Concilium* par. 56). Indika karatteristika **ewlenija** ta' **WAĦDA** miż-żewġ taqsimiet tal-Quddiesa. (1)
*b) The Second Vatican Council says that "the two parts which, in a certian sense, go to make up the Mass ... are so closely connected with each other that they perform but one single act of worship."* (Sagrosanctum Concilium par. 56). *Indicate a **main** characteristic of **ONE** of the two parts of Mass. (1)*

10. a) X'nifhmu b' "liturġija"? (1)
*a) What do we mean by "liturgy"? (1)*

b) Agħmel sinjal taħt is-sentenza li turi dak li tassew iseħħ waqt il-Quddiesa:
i. Il-ħobż u l-inbid huma simboli biss tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù.
ii. Il-ħobż jinbidel fil-Ġisem ta' Ġesù u l-inbid jinbidel f'Demmu.
iii. Wieħed m'għandux jiekol u jixrob siegħa qabel il-Quddiesa.
iv. It-Tieni Qari jkun meħud dejjem mit-Testment il-Qadim. (1)

*b) Underline the sentence that shows what really happens during Mass:*
*i. The bread and wine are only symbols of the Body and Blood of Jesus.*
*ii. The bread is changed into the Body of Jesus and the wine is transformed into his Blood.*
*iii. A person should not eat and drink an hour before Mass.*
*iv. The Second Reading is always taken from the Old Testament. (1)*

11. Għaliex l-Insara tal-bidu irreferew għall-jum tal-Ħadd bħala 'Jum il-Mulej'? (1)
*Why did the early Christians refer to Sunday as "the Lord's Day"? (1)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

12. a) Min hu l-awtur tal-Apoloġija li jfakkarna kif l-ewwel Insara kienu jiltaqgħu f'Jum ix-Xemx biex jiċċelebraw l-Ewkaristija? (1)
*a) Who is the author of the Apology that reminds us how the early Christians used to meet on the Day of the Sun to celebrate the Eucharist? (1)*

b) "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet." (Mt 26, 28) Jekk Ġesù qed isemmi "d-demm tal-patt", għal liema patt qadim, fejn ixxerred id-demm, qed jirreferi? (1)
*b) "This is my blood, the blood of the covenant, which is poured out for many for the forgiveness of sins." (Mt 26, 28) If Jesus is mentioning the "blood of the covenant", to what old covenant, when blood was spilt, is he referring,? (1)*

13. a) X'differenza hemm bejn dnub mejjet u dnub venjal? (2)
*a) What is the difference between a mortal sin and a venial sin? (2)*

b) In-Nisrani x'għandu jqerr? (1)
*b) What does a Christian have to confess? (1)*

ċ) X'inhi l-kuxjenza? (1)
*c) What is the conscience? (1)*

14. F'liema talba Ġesù qalilna b'mod ċar li Alla ma jistax jaħfrilna jekk ma naħfrux? (1)
*In which prayer did Jesus tell us very clearly that God will not forgive us unless we forgive? (1)*

15. X’għamel Żakkew biex juri li laqa’ l-istedina li għamillu Ġesù? (1)
*What did Zacchaeus do to show that he accepted Jesus’s invitation? (1)*

---

---

16. a) Fisser fi kliemek għaliex hu importanti li jkollna stima tajba tagħna nfusna. (1)
*a) Explain in your own words why it is important to have a good esteem of ourselves. (1)*

---

---

b) Għaliex il-Knisja xxandar tagħlim soċjali? (1)
*b) Why does the Church promote social teaching? (1)*

---

---

17. Semmi raġuni **WAĦDA** għaliex il-flus jistgħu jkunu ta’ siwi, u raġuni **oħra** meta jistgħu jkunu ta’ periklu għall-bniedem. (2)
*Give **ONE** reason why money can be useful, and **another** when it can be dangerous to man. (2)*

i. __________

ii. __________

18. a) Liema festi tal-Madonna niċċelebraw (i) fl-1 ta’ Jannar, u (ii) fil-15 ta’ Awwissu? (2)
*a) What feasts in honour of Our Lady do we celebrate on (i) 1st January, and on (ii) 15th August? (2)*

i. __________

ii. __________

b) Marija Omm Ġesù, kif tgħallimna nwieġbu għal dak li jrid Alla minna? (1)
*b) How does Mary, the Mother of Jesus, teach us to respond to God’s will for us? (1)*

---

---

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

19. Ikteb **ŻEWĠ** eżempji biex turi kif l-Insara għandhom jgħixu ħajja qaddisa. (2)
*Write **TWO** examples to show how Christians should live a holy life.* *(2)*

i. ________________________________________

ii. ________________________________________

20. X'differenza hemm bejn kontraċezzjoni u abort? (2)
*What is the difference between contraception and abortion?* *(2)*

________________________________________

________________________________________

21. X'għandu jkun l-atteġġjament tan-Nisrani lejn l-annimali? (1)
*What should the Christian's attitude towards animals be?* *(1)*

________________________________________

22. a) Agħti eżempju **WIEĦED** mill-Evanġelji biex turi kif Ġesù ġab ruħu mal-morda. (1)
*a) Give **ONE** example from the Gospels to show how Jesus behaved towards the sick.* *(1)*

________________________________________

b) Agħti eżempju **WIEĦED** ta' kif l-Insara jistgħu juru stima lill-anzjani. (1)
*b) Give **ONE** example to show how Christians should manifest their respect towards senior citizens.* *(1)*

________________________________________

23. "Kliem Ġesù kien mimli referenzi għal tipi differenti ta' xogħol: il-bidwi li jiżra' ż-żerriegħa u l-ħaddiem li jaħsad, ir-ragħaj… il-bennej u s-seftur, in-negozjant u l-mara tad-dar, is-suldat u l-uffiċjal tal-istat." *(San Ġwanni Pawlu II, Papa, lill-ħaddiema Maltin, Mejju 1990).*
*"The words of Jesus were full of references to different types of work: the farmer who sows the seeds and the reaper, the shepherd... the builder and the servant, the merchant and the housewife, the soldier and the state officer."* (St John Paul II, Pope, to the Maltese workers, May 1990).

a) X'għandu jifhem in-Nisrani meta jingħad li bix-xogħol nissieħbu fil-ħidma ta' Alla ħallieq? (1)
*a) What does the Christian understand when it is said that through work we associate with the task of God the creator?* *(1)*

________________________________________

________________________________________

b) Ix-xogħol eżista sa mill-ħolqien tad-dinja. Mela x'differenza jagħmel id-dnub fil-qasam tax-xogħol? (1)

*b) Work existed since the creation of the world. So what difference does sin make in the area of work? (1)*

____________________________________________

____________________________________________

24. "U fuq kollox, ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni." *(Kol 3, 14)*
*"Over all these clothes, put on love, the perfect bond."* (Col. 3,14)

a) X'differenza hemm bejn iż-żwieġ bħala patt naturali u ż-żwieġ bħala sagrament? (2)

*a) What is the difference between marriage as a natural agreement and marriage as a sacrament? (2)*

____________________________________________

____________________________________________

b) Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li l-miżżewġin għandhom jagħtu kas tagħhom meta jaħsbu biex ikollhom it-tfal fit-tnissil responsabbli. (2)

*b) Mention **TWO** things that married couples should consider when planning to have children in responsible procreation. (2)*

i. __________________________________________

ii. __________________________________________

25. Għaliex il-Knisja Kattolika ssejjaħ 'martri' lil xi wħud mill-qaddisin tagħha? (1)
*Why does the Catholic Church call some of its saints "martyrs"? (1)*

____________________________________________

____________________________________________

**(Totali: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

**Sezzjoni B: Wieġeb dawn il-ħames mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. Tista’ twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section B: Answer these five questions by writing a paragraph on each. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

1. Fil-Kredu, l-Insara jistqarru: “Nemmen fi Knisja...” Liema huma l-**ERBA’** karatteristiċi li jiddistingwu l-Knisja li waqqaf Ġesù Kristu? Spjega fil-qosor kull waħda minnhom. (5)
   *In the Creed, the Christians profess: “I believe in the Church...” Which are the* ***FOUR*** *characteristics that distinguish the Church established by Jesus Christ? Explain briefly each one of them. (5)*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

2. Irrakkonta l-ġrajja li fiha l-Ispirtu s-Santu ħadem fl-Appostli biex jibdew il-ħidma tagħhom fil-Knisja. (5)
   *Narrate the story in which the Holy Spirit worked within the Apostles to start their mission within the Church. (5)*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

3. L-istat tal-purgatorju huwa għalkollox differenti mill-kastig tal-infern. X'tgħallem il-Knisja Kattolika dwar il-purgatorju? (5)
*The state of purgatory is completely different from the punishment of hell. What does the Catholic Church teach about purgatory? (5)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

4. L-Insara għandhom l-obbligu li jinvolvu ruħhom fil-politika. Kif jistgħu jagħmlu dan? (5)
*Christians have a duty to involve themselves in politics. How can they do this? (5)*

5. Liema hu l-Akbar Kmandament li tana Ġesù? Ikteb dwar iż-ŻEWG aspetti ta' dan il-Kmandament. (5)
*Which is the Greatest Commandment that Jesus gave us? Write about the TWO aspects of this Commandment. (5)*

**(Totali: 25 marka)** ***(Total: 25 marks)***

**Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section C: Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

**1. Il-Knisja hija Omm**
***The Church is Mother***

Il-Knisja rċeviet mingħand Ġesù t-teżor prezzjuż tal-Evanġelju, mhux biex iżżommu għaliha nfisha, imma biex b'ġenerożità tgħaddih lill-oħrajn, bħalma tagħmel omm. F'dan is-servizz ta' evanġelizzazzjoni, il-Knisja, impenjata bħala omm, turi l-maternità tagħha b'mod speċjali, f'li toffri lil uliedha n-nutriment spiritwali li jmantni u jagħmel li l-ħajja Nisranija tagħti l-frott. Intant, aħna lkoll imsejħa biex nirċievu b'moħħ u qalb miftuħa l-Kelma ta' Alla li l-Knisja twasslilna kuljum, għaliex din il-Kelma għandha l-qawwa li tibdilna minn ġewwa. Il-Kelma ta' Alla biss għandha din is-saħħa. U min jagħtina l-Kelma ta' Alla? Il-Knisja Omm. Hija, sa minn ċkunitna, tmantnina b'din il-Kelma, hija tgħajjixna tul il-ħajja b'din il-Kelma, u din hija meravilja! Hija fil-fatt il-Knisja Omm li, bil-Kelma ta' Alla, tibdilna minn ġewwa. *(Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, 3 ta' Settemrbu 2014)*

*The Church has received from Jesus the precious treasure of the Gospel, not to retain it for herself, but to give it generously to others, as a mama would do. In this service of evangelization, the Church, committed as a mother, manifests her motherhood in a special way, to offer her children the spiritual nourishment which nurtures and makes the Christian life bear fruit. However, we are all called to receive with an open mind and heart the Word of God which the Church imparts every day, because this Word has the capacity to change us from within. The Word of God has this power. And who gives us the Word of God? Mother Church. She nurses us from childhood with this Word, she raises us throughout our life with this Word, and this is great! It is actually Mother Church who, with the Word of God, changes us from within.* (Pope Francis, General Audience, September 3, 2014)

a) Għaliex il-Knisja ngħatat it-teżor prezzjuż tal-Evanġelju? (2)
*a) Why was the Church given the precious treasure of the Gospel? (2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b) Għaliex il-Knisja hija 'impenjata bħala omm' fis-servizz tagħha? (2)
*b) Why is the Church "committed as a mother" in her service? (2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

ċ) Flimkien ma dan l-impenn tal-Knisja bħala omm, x'għandu jagħmel in-Nisrani? (2)
*c) Together with this commitment of the Church as a mother, what should a Christian do? (2)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

d) X'qawwa għandha l-Kelma t'Alla? (2)
*d) What power does the Word of God have? (2)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

e) Min jagħtina l-Kelma t'Alla? (2)
*e) Who gives us the Word of God? (2)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**(Totali: 10 marki)** ***(Total: 10 marks)***

**2. Kristu jsir proxxmu fil-mixja ta' ħajjitna**
***Christ becomes our neighbour along the journey of life***

Il-fidi mingħajr imħabba ma tagħtix frott u l-imħabba mingħajr fidi tkun bħal sentiment għaddej il-ħin kollu mid-dubju. Fidi u mħabba huma meħtieġa t-tnejn, għax waħda tippermetti lill-oħra twettaq il-mixja tagħha. Infatti mhumiex ftit l-Insara li jiddedikaw ħajjithom b'imħabba għal min jinsab waħdu, imwarrab jew eskluż bħallikieku dan kien l-unika persuna u l-aktar persuna importanti li teħtieġ l-għajnuna tagħhom, għax fiha huma jaraw l-istess wiċċ ta' Kristu. Grazzi għall-fidi nistgħu nagħrfu f'kull min jitlob imħabbitna wiċċ il-Mulej irxoxt. "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25,40). Dan kliemu huwa twissija li ma rridux ninsewha u stedina dejjiema biex nagħtu lura dik l-imħabba li biha Hu jieħu ħsiebna. Hija l-fidi li biha nistgħu nagħrfu 'l Kristu u mħabbtu li tħeġġiġna ngħinuh kull darba li hu jsir proxxmu fil-mixja ta' ħajjitna. Imqawwijin mill-fidi, ejjew inħarsu b'tama lejn l-impenn tagħna fid-dinja, u nistennew "smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja" (2 Pt 3,13; ara Apk 21,1). (*Benedittu XVI, Ittra Appostolika dwar is-Sena tal-Fidi,* Porta Fidei, *par. 14)*

*Faith without charity bears no fruit, while charity without faith would be a sentiment constantly at the mercy of doubt. Faith and charity each require the other, in such a way that each allows the other to set out along its respective path. Indeed, many Christians dedicate their lives with love to those who are lonely, marginalized or excluded, as to those who are the first with a claim on our attention and the most important for us to support, because it is in them that the reflection of Christ's own face is seen. Through faith, we can recognize the face of the risen Lord in those who ask for our love. "As you did it to one of the least of these my brethren, you did it to me" (Mt 25:40). These words are a warning that must not be forgotten and a perennial invitation to return the love by which he takes care of us. It is faith that enables us to recognize Christ and it is his love that impels us to assist him whenever he becomes our neighbour along the journey of life. Supported by faith, let us look with hope at our commitment in the world, as we await "new heavens and a new earth in which righteousness dwells" (2 Pet 3:13; cf. Rev 21:1).* (Benedict XVI, Apostolic Letter for the Indiction of the Year of Faith, Porta Fidei, par. 14).

a) Liema kwalità għandha bżonn il-fidi biex tħalli l-frott? (3)
*a) Which quality does faith need to be fruitful? (3)*

b) Skont is-silta t'hawn fuq, b'liema kliem Ġesù wissiena li għandna dejjem nassistu lill-proxxmu? (3)
*b) According to the extract above, with what words did Jesus warn us that we should always assist our neighbours? (3)*

ċ) Agħti **TLETT** eżempji ta' persuni li jinsabu fil-bżonn jew li huma emarġinati. (3)
*c) Give **THREE** examples of people who are in need or marginalized. (3)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

d) X'għandu jqawwina biex inħarsu 'l quddiem b'tama? (3)
*d) What should give us strength to look forward with hope? (3)*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

e) "Imqawwijin mill-fidi, ejjew inħarsu b'tama lejn l-impenn tagħna fid-dinja, u nistennew 'smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja'." X'għandna nifhmu b'"art ġdida"? (3)
*e) "Supported by faith, let us look with hope at our commitment in the world, as we await 'new heavens and a new earth in which righteousness dwells'." What should we understand by "a new earth"? (3)*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**(Totali: 15-il marka)** ***(Total: 15 marks)***

Blank Page

TIKTIBX F’DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

# Blank Page

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2017/MAY 2017 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIA |
| DATA/DATE: | 27 ta' Mejju 2017/27th May 2017 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these five questions in essay format. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

1. **Il-Kelma ta' Alla**
***1. The Word of God***

a) Fisser x'nifhmu b'ispirazzjoni biblika. Jekk l-Ispirtu s-Santu nebbaħ lill-awtur sagru fl-antik, fisser kif illum, l-istess Spirtu, jaħdem mal-qarrej tal-Kelma ta' Alla. (18)
*a) Explain what we mean by biblical inspiration. If the Holy Spirit inspired the sacred author in ancient times, explain how today, the same Spirit works with the reader of the Word of God. (18)*
b) Semmi u fisser l-**ERBA'** regoli li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jinterpreta l-Bibbja. (12)
*b) Mention and explain the **FOUR** rules that one has to keep in mind when s/he interprets the Bible. (12)*
ċ) Semmi **TLIET** ġrajjiet **veri** mit-Testment il-Qadim jew il-Ġdid. Agħżel **WAĦDA** minnhom, irrakkontaha fi kliemek, u uri kif tista' tapplikaha għall-ħajja tiegħek ta' kuljum. (20)
*c) Mention **THREE real** events from the Old or the New Testament. Choose **ONE** of them, narrate it in your own words, and show how you can apply it in your daily life. (20)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

**2. Ġesù Kristu u l-Ewkaristija**
***2. Jesus Christ and the Eucharist***

a) X'ried ifisser Ġesù meta lill-Appostli tiegħu qalilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22, 19)? X'inhu dak li propjament niċċelebraw waqt il-Quddiesa? (17)
*a) What did Jesus mean when he said to the Apostles : "Do this in remembrance of me" (Lk 22, 19)? What exactly do we celebrate during Mass? (17)*
b) Fisser għaliex fil-ħaruf tal-Għid tal-Antik Testment għandna naraw simbolu ta' Ġesù. (18)
*b) Explain why in the Paschal lamb of the Old Testament we still see a representation of Jesus. (18)*
ċ) Iddiskuti kif nistgħu ngħixu l-Quddiesa f'kull mument ta' ħajjitna. (15)
*c) Discuss how we can live Mass in every moment of our life. (15)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**3. Ir-Rikonċiljazzjoni**

***3. Reconciliation***

a) Id-dnub jagħmel ħsara u jferi lill-bniedem. Uri għaliex iseħħ dan. B'referenza għar-rakkont tal-Waqgħa tal-Bniedem, iddiskuti l-**ERBA'** aspetti li fihom il-bniedem jiġi mfejjaq permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. (16)

*a) Sin harms and injures man. Show why this happens. With reference to the story of the Fall of Man, discuss the **FOUR** aspects in which man is cured through the Sacrament of Reconciliation. (16)*

b) Għaliex l-Insara jmorru jqerru għand saċerdot u mhux sempliċement jitolbu maħfra lil Alla fil-privat? (16)

*b) Why do Christians go to confess to a priest and not simply ask for God's forgiveness in private? (16)*

ċ) Kif għandu n-Nisrani jifforma l-kuxjenza tiegħu? X'nifhmu meta ngħidu li kuxjenza ffurmata tajjeb hija gwida għall-ħajja? (18)

*c) How should the Christian form his conscience? What do we understand when we say that a well-formed conscience is a guide for life? (18)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

4. **Int x'Tiswa?**

***4. What's Your Worth?***

a) Fisser għaliex in-nuqqas ta' kontroll fit-tipjip, l-alkoħol, u s-sewqan eċċessiv huma kkunsidrati bħala perikli bla bżonn għall-ħajja tal-bniedem. (16)

*a) Explain why the lack of control in smoking, alcohol, and excessive speeding are considered to be unnecessary dangers for human life. (16)*

b) X'inhu l-ħsieb tal-Bibbja dwar l-ambjent? Kif nistgħu nagħmlu użu mill-ambjent filwaqt li nieħdu ħsiebu? Ikteb dwar **ŻEWĠ** eżempji konkreti. (18)

*b) What is the vision of the Bible about the environment? How can we use the environment and at the same time take care of it? Write about **TWO** concrete examples. (18)*

ċ) Il-midja twasslilna ħafna informazzjoni, imma mhux dejjem tgħinna fil-formazzjoni umana u Nisranija tagħna. Iddiskuti. (16)

*c) The media transmits a lot of information, but it does not always help us in our human and Christian formation. Discuss. (16)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

**5. Ix-Xogħol**

***5. Work***

a) Fisser kif ix-xogħol jidher fil-pjan ta' Alla għall-bniedem. Permezz ta' **ŻEWĠ** eżempji konkreti, fisser kif in-Nisrani jista' jgħix il-fidi tiegħu fuq il-post tax-xogħol. (17)

*a) Explain how work appears in God's plan for the human person. By means of **TWO** concrete examples, explain how the Christian can live his/her faith at his workplace. (17)*

b) Ikteb fuq **TLETT** punti dwar id-duttrina tal-Knisja dwar ix-xogħol u l-qasam tal-ħaddiema. (18)

*b) Write about **THREE** points about the Church's doctrine when it comes to the subject of work and the workers. (18)*

ċ) Ix-xogħol għandu aktar minn skop wieħed. Agħti lista ta' dawn l-iskopijiet u ikteb dwar **TNEJN** minnhom. (15)

*c) Work has more than one objective. List these objectives and write about **TWO** of them. (15)*

**(Totali: 50 marka)** ***(Total:50 marks)***

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2017/MAY 2017 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIB |
| DATA/DATE: | 27 ta' Mejju 2017/27th May 2017 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn l-erbatax -il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these fourteen questions in paragraph format. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. Ir-Reliġjon hija tweġiba bis-sens għal ħajja bis-sens.
   Spjega kif ir-reliġjon twieġeb għall-mistoqsijiet fundamentali tal-bniedem.
   *Religion is a meaningful answer to a meaningful life.*
   *Explain how religion answers the fundamental questions of humankind.*

2. "Ommna l-Knisja Mqaddsa b'fidi ġejja mill-Appostli tqis bħala Kotba Mqaddsa u kanoniċi l-kotba kollha tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid bil-partijiet tagħhom kollha għaliex miktuba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu." *(Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, para. 105)*
   Fisser l-ispirazzjoni b'referenza għal dan il-paragrafu.
   *"For Holy Mother Church, relying on the faith of the apostolic age, accepts as sacred and canonical the books of the Old and the New Testaments, whole and entire, with all their parts, on the grounds that, written under the inspiration of the Holy Spirit." (Catechism of the Catholic Church, para. 105)*
   *Explain the inspiration with reference to this paragraph.*

3. Irrakkonta l-Waqgħa tal-Bniedem b'emfasi fuq dawn il-frażijiet: (i) "il-frott li hemm f'nofs il-ġnien" (ii) "il-mara li inti tajtni għal miegħi" (iii) "is-serp qarraq bija". Indika wkoll **TLIET** konsegwenzi tal-ewwel dnub.
   *Narrate the Fall of Man by emphasizing these phrases: (i) "the fruit in the middle of the garden" (ii) "the woman you put with me" (iii) "the snake tempted me". Indicate also **THREE** consequences of the first sin.*

4. Ikteb dwar **TLIET** ġrajjiet ewlenin li nsibu fil-ktieb tal-Eżodu.
   *Write about **THREE** main events that we find in the book of Exodus.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. "Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier; u bih sar kollox... U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem." *(mill-Kredu tal-Appostli)*
   (a) Ikteb dwar **TLIET** sentimenti li kellu Ġesù bħala bniedem.
   (b) Ikteb wkoll dwar **ŻEWĠ** okkażjonijiet mill-Evanġelju fejn Ġesù wera li hu ma kienx biss bniedem, imma kien ukoll Alla.

   *"God from God, light from light, true God from true God, begotten not made, of one being with the Father; through him all things were made... By the power of the Holy Spirit he became incarnate from the Virgin Mary and was made man."* (from the Apostles' Creed)
   *(a) Write about* ***THREE*** *sentiments that Jesus had as a human person.*
   *(b) Write also about* ***TWO*** *occasions from the Gospel where Jesus showed that he was not just a man, but also God.*

6. Fil-parabboli tal-'qamħ u s-sikrana' u tax-'xibka tal-ħut', għandna referenza għall-Knisja. X'inhu l-messaġġ tagħhom?
   *In the parables of the "wheat and the weeds" and the "fishing net" there is an allusion to the Church. What is the message they convey?*

7. Kien qed joqrob l-Għid, u bħalma jagħmel is-soltu, Jerome mar iqerr. Hu spjega lill-qassis li normalment, matul is-sena kien jitlob maħfra lil Alla waħdu mid-dar. Imma fi żmien l-Għid, kien iħoss li għandu jmur jistqarr dnubietu għand qassis. Il-qassis fehemu li ma kienx qed jagħmel użu tajjeb mis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
   Fisser **TLETT** affarijiet li l-midneb irid jagħmel biex jaqla' l-maħfra għal dnubietu fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
   *Easter was approaching, and as usual Jerome went to confess his sins. He explained to the confessor that normally, during the year he asks for God's forgiveness privately at home. Though, during Eastertide, he feels that he must confess his sins to a priest. The priest explained that he was not making proper use of the Sacrament of Reconciliation.*
   *Expain* ***THREE*** *things that the sinner must do to receive forgiveness for his sins in the Sacrament of Reconciliation.*

8. "**F'jum ix-xemx**, kif isejħulu, dawk kollha li jgħammru sew fl-ibliet u sew fl-irħula, **jinġabru flimkien** fl-istess post, fejn **jinqraw it-tifkiriet tal-appostli** u l-kitba tal-profeti sakemm jippermetti l-ħin. Imbagħad wara li l-lettur itemm il-qari, **iċ-ċelebrant jitkellem** biex iwissina u jħeġġiġna … **Il-ħobż u l-inbid … jitqassmu bejn kulħadd** u minnhom jirċievi kull min ikun hemm." *(Mill-Apoloġija ta' San Ġustinu)*
   B'referenza għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa llum, x'tifsira għandhom dawn il-frażijiet: (i) "f'jum ix-xemx" (ii) "jinġabru flimkien" (iii) "jinqraw it-tifkiriet tal-appostli" (iv) "iċ-ċelebrant jitkellem" (v) "il-ħobż u l-inbid … jitqassmu bejn kulħadd"?

*"**On the day called Sunday**, all who live in the cities or the country, **gather together** in one place, and **the memoirs of the apostles are read**, as well as the are writings of the prophets, as long as time permits; then, when the reader has ceased, **the celebrant verbally instructs**, and exorts to the imitation of these good things ... **the bread and wine ... are distributed to each**."* (From the Apology of St Justin)

*With reference to the celebration of the Mass today, what interpretation do we give to the following: (i) "on the day called Sunday" (ii) "gather together" (iii) "the memoirs of the apostles are read" (iv) "the celebrant verbally instructs" (v) the bread and the wine... are distributed to each"?*

9. Ġesù jinsisti b'mod mill-aktar ċar li ma nistgħux nifirdu l-imħabba tagħna lejn Alla mill-imħabba tagħna lejn il-proxxmu.
   Ikteb dwar **TLIET** ħidmiet li rridu nwettqu sabiex ikollna l-paċi vera li twassalna biex ningħaqdu aktar bejnietna.
   *Jesus insists very clearly that we cannot separate our love to God from our love towards our neighbour.*
   *Write about **THREE** tasks that we should perform to ensure genuine peace that will lead us to unity amongst ourselves.*

10. Kull bniedem huwa msejjaħ għall-qdusija.
    a) L-Insara meta bdew it-triq li twassalhom għall-qdusija?
    b) Spjega **TLIET** modi li juru d-dinjità li jingħataw l-Insara fl-ewwel sagrament li jirċievu f'ħajjithom.
    *Every person is called to holiness.*
    *a) When did the Christians start their path to holiness?*
    *b) Explain **THREE** ways that show the dignity that Christians are given in the first sacrament that they receive in their life.*

11. "Il-ħajja umana għandha tkun imħarsa u promossa fl-integrità tagħha." *(Ittra Pastorali, 26 ta' Lulju 2012)*
    a) Min għandu s-setgħa assoluta fuq il-ħajja tal-bniedem?
    b) Ikteb dwar **ERBA'** sitwazzjonijiet li qed jheddu l-ħajja fis-soċjetà tal-lum.
    *"Human life is to be protected and promoted in its integrity."* (Pastoral Letter, 26th July 2012)
    *a) Who has absolute authority on human life?*
    *b) Write about **FOUR** situations that are threatening life in today's society.*

12. Ikteb dwar **TLIET** għanijiet li jrid jilħaq ix-xogħol.
    *Write about **THREE** aims that work must attain.*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

13. Bosta kienu dawk li xtaqu jkunu jafu s-sigriet taż-żwieġ hieni ta' Robert Mitchum, attur u direttur Amerikan tal-films. Kien qed jiċċelebra t-tletin sena taż-żwieġ tiegħu ma' Dorothy Spence, meta sħabu kellhom xorti damu tletin xahar mas-sieħba tagħhom. "Jien u marti," qalilhom, "naħsbu f'xulxin u nittamaw li għada ser ikun aħjar mil-lum."
    a) Kif tiddeskrivi l-imħabba bejn Robert u Dorothy?
    b) Liema huma t-**TLIET** tipi ta' mħabba li l-miżżewġin għandhom juru lejn xulxin?
    *Many were those who wanted to know the secret of the happy marriage of Robert Mitchum, an American actor and film director. He was celebrating his thirty years of marriage with Dorothy Spence, when his colleagues had barely stayed thirty months with their wives. "My wife and I," he said, "think of each other and we hope that tomorrow will be better than today."*
    *a) How do you describe the love between Robert and Dorothy?*
    *b) Which are the **THREE** types of love that married couples should show towards each other?*

14. "Nemmen fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja." *(mill-Kredu tal-Appostli)*
    In-Nisrani huwa msejjaħ biex jgħix u jibni ħajtu f'għaqda mal-Ispirtu s-Santu. Fisser din l-istqarrija.
    *"I believe in the Holy Spirit, the Lord giver of life."* (From the Apostles' Creed)
    *The Christian is called to live and build his life in unity with the Holy Spirit. Explain this statement.*